# L-IMNARA

GĦAQDA TAL-FOLKLOR

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
-MAIN LIBRARY-

ĦARĠA 15

VOL 4 No2

1991

121072.



L - IMNARA

Vol. 4 No. 2 Ħarġa Numru 15 1991

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

W E R R E J

| | | |
|---|---|---|
| DWAR IL-ĦOBŻ F'MALTA | Guido Lanfranco | 29 |
| XI ATTIVITAJIET TAL-GĦAQDA TAL-FOLKLOR | | 32 |
| DAK IN-NHAR TA' L-IRXOXT | Ġużè' Chetcuti | 33 |
| L - IMNARA | | 35 |
| FESTI U MANIFESTAZZJONIJIET | Guido Lanfranco | 36 |
| DR. CHARLES GEORGE CASSAR M.D. | | 39 |
| CONTESTING THE PAST | John Chircop | 40 |
| Ritratti dwar il-Karnival | folja bejn il-paġni | 42 - 43 |
| IL-KARNIVAL LI NIFTAKAR FL-IMGĦODDI | Paul Portelli | 43 |
| IL-LUTTU TA' L-IMGĦODDI | G.M.Buontempo | 47 |
| TIFKIRIET TA' TFULITI | Mary Ghio | 49 |
| Il-Kumitat tal-Għaqda tal-Folklor 1991 | | 53 |
| MALTESE SPINNING TOYS | Guido Lanfranco | 54 |
| Ritratti dwar iż-żugraga | żewġ folji bejn il-paġni | 54 - 56 |

Bullettin tal-Għaqda tal-Folklor joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk tal-Għaqda tal-Folklor jew ta' l-Editur, jekk ma jkunx hekk speċifikat. L-Editur: 78, Triq San Trofimus, Tas-Sliema SLM 02 Malta

# DWAR IL - ĦOBŻ F' MALTA
minn Guido Lanfranco

Ma niddiskutux ix-xogħol tal-bidwi biex jipprovdi l-qamħ mill-għalqa u bid-dris, u lanqas ix-xogħol tat-taħħan u l-mitħna tiegħu, għax dawn iridu kitba fit-tul; hawn xtaqt nikteb biss xi ħsibijiet dwar il-ħobż f'Malta.

In-nies kienu jixtru d-dqiq għall-ħobż u ikel ieħor. Kienhemm min kellu l-qamħ tiegħu għax kellu l-għalqa, iżda mhux kulħadd kellu l-forn tiegħu fid-dar. Kienhemm djar kbar li kellhom il-forn tagħhom u kienu jaħmu l-ħobż huma, iżda l-biċċa l-kbira tan-nies kienu jmorru għand tal-forn bil-għaġina lesta. Meta kienu jieħdu l-għaġina għand tal-forn, kienu jieħdu ukoll il-ħatab magħhom. Dan kien aktarx ikun xewk u zkuk miġburin mill-kampanja, u kienu jiżawhom ukoll biex isajru fuq il-kenur jew fuq il-fuklar, għax injam u faħam kienu jiswew l-ispejjeż.

## Ħobż immarkat

Qabel jagħmlu l-għaġina, kienhemm bosta li jippreferu li joqgħodu jnaqqu d-dqiq fuq il-bejt minn xi frak tal-ġebel li kien jista' jkollu miegħu, għax aħjar milli jiġi mal-ħobż. Meta jaħdmu l-għaġina d-dar u jaqtgħuha biċċiet biex jeħduha għand tal-forn, aktarx li kienu jwaħħlu xi biċċa għaġina kejkna fuq kull ħobża, b'xi forma li jagħrfuha huma, biex meta tal-furnar idaħħal il-ħobż ta' kulħadd fil-forn, wara' l-furnata ikunu jistgħu jagħrfu l-ħobż tagħhom.

Kienu ilestu l-ħobż għal ġimgħa sħiħa. Il-ħobżiet ma kienux ikunu ċkejknin wisq għax inkella jinxfu kmieni. Jekk tibda taqta' l-ħobża mill-ġenb, il-bieba tibqa' ratba aktar fit-tul. Ukoll jekk il-ħobża kienet tinxef, xejn ma kien jintrema', għax kienet tista' ssir pudina tal-ħobż. kif għadha ssir sa 'llum, u ukoll kienet tista' tixxarrab u tidħol għan-nar, u terġa' ssir qisha friska. Hekk kienet issir l-ekonomija fl-imgħoddi, u niftakar ukoll li ommi kienet iġġgħelni nitħan il-ħobż niexef bil-mitħna tal-kafe', biex il-frak tużaħ bħal smid.

## Jagħġnu bis-saqajn

Xi fran kienu jagħmlu l-ħobż huma biex jixtruhom in-nies, jew biex il-ħobż jieħdu ħaddieħor bil-karrettun biex iqassam fid-djar u fit-toroq. Sakemm l-għaġina kienet issir għal ftit ħobż, kienet tintgħaġen bl-idejn; iżda meta kien isir ħobż għal għadd ġmielu ta' nies, kienu jgħaġnu l-għaġina b'saqajhom, bħalma kienu jgħasru l-għeneb għall-inbid. Sal-bidu tas-seklu tagħna, dan kien għadu jsir, kif kiteb "E.L.V." fil-ktejjeb "Tagħlim għall-poplu" fl-1903; iżda dan jgħid ukoll li il-gvern kien ħareġ liġi li ħadd ma jista' jbiegħ ħobż magħġun b'dan il-mod. L-għaġina setgħet tinħadem biss bl-idejn jew bil-makni li kienu ġa bdew jintużaw dak iż-żmien.

Kullimkien kien hawn fran jaħmu l-ħobż, fl-imgħoddi, iżda tistaqsu "għaliex hemm l-aktar f'Ħal Qormi?" Jingħad, li fi żmien meta fil-gżejjer tagħna kien hawn il-malarja, kienu jaħsbu

li id-duħħan ikeċċi dak li kien qed iġib il-marda. Fil-fatt, dak iż-żmien ħadd ma kien jaf mnejn tiġi l-marda, iżda sejħulha "malarja" minn "mal" (=ħażin) u arja, li b'kollox kienet tfisser "arja ħażina". Il-gran mastru ta' dawk iż-żminijiet kien ordna li l-furnara kellhom jikkonċentraw il-ħidmiet tagħhom madwar il-Marsa, li kienet tidħol sa Ħal Qormi, biex bid-dħaħen tagħhom iżommu lura l-malarja.

Il-karrettuni tal-ħobż

Il-ħonż kien jitqassam fit-toroq jew fid-djar, minn nies li kellhom il-karrettun, li kienu jitħallsu mill-furnar, jew kienu niesu stess. Karrettuni miġbudin mill-bhejjem kienhemm għamliet diversi, l-aktar komuni fosthom kien ikollhom kaxxa ta' l-injam mgħottija bl-inċerata, iżda kienhemm oħrajn li kellhom żewġ bibien fuq il-kaxxa li jinfetħu il-fuq, wieħed fuq kull naħa. Biż-żmien, bdew isiru karrettuni mill-aktar sbieħ u komdi, biex il-ħobż, mill-ifran imbegħdin mill-irħula u l;-bliet, ikun jista' jitqassam aħjar. Dawn il-karrettuni kienu jkunu kaxxa kbira safra, tingibed minn-żiemel. Ġewwa kellha xkafef għall-ħobż, kaxxa għal-flus, post għall-użini minn wiżintejn sa' l-uqija, u miżien imdendel bil-kfief kbar. Skieken ta' daqsijiet differenti kienu jidħlu ma waħda mill-bibien ta' wara' li kienu jagħlqu l-kaxxa u jissakkru bi stanga. Fuqha kienhemm xifer mad-dawra kollha biex iservi ta' kaxxa mikxufa għal aktar ħobż, u jitgħatta bil-luna jew inċerata. Taħt il-kaxxa kien ikunhemm imdendla il-benniena li fiha kienu jintrefgħu bċejjeċ ta' ikel li minn ħin għall-ieħor kienu jingħataw l;iż-ziemel, li kultant sidu kien idendillu xkora ma' rasu taħt ħalqu, biex jiekol il-ħaxix. Fejn ipoġġi s-sewwieq waqt il-vjaġġ, kien hemm bħal tinda kontra x-xemx ux-xita, u bħala kienhemm oħra wara'. l-ħobż kien kollu jintiżen, għalhekk tal-ħobż kien iżid biċċa ġonta, u id-dar kulħadd jiġġieled għaliha, qisha fiha l-indulġenzi.

Għamliet ta' ħobż

Sa żmien il-gwerra li għaddiet u ftit wara', kien hawn il-ħobż il-kbir il-komuni, li issa nsejħulu ħobż tal-Malti, iżda wkoll kien hawn il-ħobż "tal-Franċiż" li kien ikun maħdum ftit aktar fin, "tal-maħlut" li kien ikun taħlita ta' qamħ u xgħir, "tas-salib" li kien ikun ta' xi ratal b'qoxra safranija mhix daqshekk titqarqaċ, li qabel tidħol tinħema jaqtgħulha żewġ qasmiet salib fuqha, għalhekk tispiċċa b'salib fuqha, u kienhemm ukoll il-ħobż "tal-kexxun", li kien ikun rettangolari, maħdum aktar fin, jixbaħ il-ħobż ippakkjat ta' żmienna. Minbarra dawn kien hemm il-ftira, bziezen, u għamliet oħrajn.

Taħsbux li fl-imgħoddi kulħadd kien juża s-sikkina biex jaqta' il-ħobż. Fid-djar tas-sinjuri jew fejn jgħixu nies ta' ċerta edukazzjoni li addottaw drawwiet minn nies bħalhom fl-Ewropa, kienu jieklu bil-furketta u jaqtgħu bis-sikkina, iżda n-nies tal-kampanja, il-foqra, u min ma kellux xi ftit ta' drawwiet edukati, kienu jieklu l-ikel b-idejhom, ukoll minn xi skutella

kbira, bħal "sjett ta' sirkuża", u wkoll ta' spiss jieklu bilqegħda fl-art. Il-ħobż kien jinqasam bl-idejn biex jittiekel u ta' sikwit jitfettet bċejjeċ fil-kafe', soppa u minestra. Il-ħaddiema li kienu joħorġu minn darhom kuljum biex imorru għax-xogħol, kienu jġorru magħhom is-sorra magħmula minn sarvetta mgħaqqda minn erbat itruf, u fiha kellhom biċċa ħobż jew ikel ieħor; iżda l-ħobż dejjem kienet importanti, u tista' tgħid li l-ħaddiema kollha, sa ftit żmien wara' gwerra, kienu jintasbu fl-art f'xi ħin ta' mistrieħ, u joħorġu nofs ħobża mħaffra mimlija tadam. kappar, żebbugf u x'naf jien, u bil-mus jaqtgħu u jieklu minnha. Din il-ħobż kienet tkun ukoll imħawra biżżejt u l-ħall. Wara' kollox, il-ħobż biż-żejt u t-tadam għadu ikel bnin u appetituż sa żmienna, u aktarx li jibqa' bħala ikel Malti, tant hu hekk, li f"bosta ristoranti u lukandi joffruh bil-għali lit-turisti.

Il-mellusa

Minbarra il-ħobż biż-żejt, konna nieħdu kisra ħobż imħawra mod ieħor ukoll. Fost oħrajn konna nieħdu ħobż biz-zokkor bi ftit inbid fuqha; bis-sonża mħawra bir-randa bi ftit bżar fuqha; midluka bl-irkotta; midluka bil-ħalib ħelu, magħqud tal-bott; bil-kunserva (jiġifieri bil-ġamm) jew "marmalade". Kienhemm ukoll, l-aktar fil-kampanja u fejn kienu jsiru il-ġbejniet, ħobż midluka bil-baqta, jiġifieri ħalib li miegħu kien ikunhemm it-tam jew tames, l-enżima (rennin) meħuda mill-istonku tan-nagħġa, li jgħaqqad il-ħalib u jiġi bħal ġbejna ħafifa, jew irkotta, kif, wara' kollox huwa parti mill-proċess li bih dawn isiru. Ħobż bil-baqta kienu jgħidulha mellusa.

Rispett lejn il-ħobż

Missirijietna u ommijietna, fl-imgħoddi kienu jirrispettaw il-ħobż, mhux biss għax kien il-qofol ta' l-għixien, iżda wkoll għax kien magħruf bħala xbiha t'Alla. Meta konna ċkejknin, meta fit-toroq konna nsibu xi biċċa ħobż mormija minn xi tfal, għax fil-logħob ikunu skartaw il-qoxra, konna niġbruha, nbusuha u nwarrbuha fuq xi ħoġor ta' tieqa jew xi rokna fejn ma tintrifisx. Niftakar l-ommi, u bdejt nagħmel bħala jien ukoll, meta tasal biex taqsam ħobża ġdida, kienet tbusa, tagħmel is-sinjal tas-salib fuqha bis-sikkina, u tibda taqta'. Dawn iċ-ċerimonji m'għadhomx isiru, iżda għadni niftakarhom b'ċerta mħabba.
Meta fit-tieni gwerra dinjija ħakimna l-għaks, il-ħobż kien beda jiġi razzjonat strettrament; mhux biss, fl-eqqel tal-ġuħ beda jsir mhux bid-dqiq, iżda taħlit u taħwid ta' kollox. Bażikament kien isir minn dqiq tal-Kanada li kien ġie mal-"convoy", imħallat ma' patata mgħollija u qamħ ir-rum mitħun qisu nuħħala. Il-ħobż kien ikun tqil u ismar sewwa, kważi iswed; l-ingredjenti kienu normalment jingħataw lill-ħnieżer, iżda ngħid għalija ma kontx nistmerru, anzi konna niġġieldu għalih u ma narmux farka.

Ħidma bis-soldi

Bosta minn dawk li fil-gwerra kienu jaħdmu il-ħobż għadhom ħajjin u jafu kemm kienu jbatu biex jaqalgħu ftit flus. Waħda li kienet tagħmel dan ix-xogħol. qalet li kienu jgħaġnu d-dqiq fil-lenbijiet, u meta l-għaġina titla' bil-ħmira, kienu jqegħduha fuq l-ixkaffa mgħottija bl-inċerata biex ma tinxifx, u wara jaqtugħa ħobż ħobż. Minn-lejliet kienu jżommu ftit għaġina tal-ħmira biex l-għada tidħol fil-għaġna. Minn qantar dqiq kienu joħorġu mitt ħobża, u kienu jaħdmu erba' qnatar kuljum; ta' kull qantar dqiq magħġun kienu jieħdu xelin u sold, għalhekk kienu jdaħħlu erba' xelini u erba' soldi kuljum, li jagħmlu xi tnejn u għoxrin ċenteżmu ta' żmienna; veru li l-valur tal-flus inbidel, iżda wkoll għal dak iż-żmien, il-ħlas kien miżeru. Jekk kien jibqagħlhom xi nitfa għagina din kienert issir ftajjar biz-zokkor, kif konna wkoll nagħmlu d-dar bi ftit dqiq bl-ilma moqlijin.

Fi Frar u Marzu tal-1977 kienhemm strajk tal-furnara u l-bejjiegħa tal-ħobż, minħabba li riedu xi marġini ta' qliegħ aħjar għal xogħolhom. Billi dan l-istrajk dam xi jiem sewwa, il-gvern irrekwiżizzjona xi fran u beda jqassam il-ħobż permezz tal-forzi armati. iżda xorta waħda mhux kulħadd kien jilħaq il-ħobż, għalhekk xi nies tħajru jagħmu l-ħobż huma stess, u bdew joħorġu riċetti, ta' kif tagħmel il-ħobż, fuq il-gażżetti u fuq it-televiżjoni. Ġeneralment ir-riċetta kienet din: kuċċarina zokkor, ratal dqiq, uqija ħmira, ftit melħ, pinta ilma; ħallat l-ilma fietel maz-zokkor u l-ilma fid-dqiq, ħallihom joqgħodu għal xi ħamsa u tletin minuta (mhux fil-kesħa); għaġinhom, ħallihom xi għoxrin minuta oħra joqgħodu, u wara' daħħal kollox f'nar qawwi (xi erba' mitt grad ċelsju) għal xi għoxrin jew tletin minuta.

Ta' l-imgħoddi għadda, ħadd m'għadu jaqta' u jiżen, spiċċaw il-karrettuni tal-ħobż, għax fil-ħajja li saret aktar mgħaġġla, kellna nbiddlu l-pass għax inkella nibqgħu bil-ġuħ!

----------------o---oOOOo---o----------------

Xi Attivitajiet tal-Għaqda tal-Folklor

24-3-1991 u 30-3-1991 fuq Radju Malta 1 u 2, G.Lanfranco ipparteċipa fil-programm "Raw Malta Tinbidel" dwar drawwiet tażżwieġ ta' l-imgħoddi.
31-3-1991 Il-Posta użat it-timbru bil-kliem "Inħarsu l-Wirt Folkloristiku ta' Pajjiżna" fuq l-ittri, u fl-istess timbru deher ukoll il-logo jew l-emblema tal-Għaqda tal-Folklor, jiġifieri l-Imnara.
14-7-1991 L-Għaqda tal-Folklor organiżżat żjara fil-Mużew Marittimu tas-Sur Victor Wickman li jinsab ix-Xgħajra. Dawk li attendew sabuh ta' nteress kbir, u fil-waqt li rringrazzjajna lis-Sur Wickman għall-ospitalita' tiegħu, ħalleja donazzjoni ċkejkna ta' apprezzament u inkoraġġiment.
3-7-1991 sa 6-11-1991 Is-Sur G.Lanfranco u s-Sur Angelo Dougall taw serje ta' għaxar taħditiet bl-Ingliż dwar il-folklor lokali u fil-Mediterran, fuq ir-Radju Voice of the Mediterranean.

# DAK IN - NHAR TA' L - IRXOXT

ĠUŻE' CHETCUTI

Dimostrazzjoni ta' ferħ, daqq tal-qniepen, musketterija, marċi brijużi, xita ta' karti kkuluriti, ċapċip. Feġġet fid-daħla tal-bieb tal-knisja l-istatwa ta' l-Irxoxt. Telgħu it-tarag kollu ta' Triq l-Oratorju bl-istatwa fuq l-ispallejn. Qabel telqu mill-knisja kienhemm ħafna argumenti min minnhom ser jarfa' u jġerri fl-istatwa. Fl-aħħar indaħal l-arċipriet u ġie deċiż li dawk li refgħu jumejn qabel il-Monument jerfgħu ukoll l-istatwa ta' l-Irxoxt.

Inħass xieraq li dawk li refgħuh fuq is-sodda tal-mewt iġorruh ukoll fil-mument Tiegħu ta' ħajja mill-ġdid, ta' rebħ u ta' glorja.

L-aħwa tal-Ġgant minn Burmarrad, Tanu ta' Żamżam, Żaren iċ-Ċimblor u sħabhom, irġiel u żagħżagħ b'saħħa ta' mramma, għalihom kien ta' ġieh u sodisfazzjon li jerfgħu u jġerru fl-Irxoxt.

Kienet għadha kemm spiċċat tas-sebgħa u t-toroq kienu diġa nħanqu bis-sriebet tan-nies, it-tfal mill-gallariji bil-figolla f'idhom lesti biex jitolbu lill-Irxoxt hu u għaddej bil-ġirja ħalli jberikhielhom, ibierek 'l ommhom u lil missierhom.

Kulħadd ferħan. Wara s-swied il-qalb tal-Ġimgħa l-Kbira bid-damsk iswed fil-knisja, bid-dawl imtappan, bil-qniepen bla ħajja, biċ-ċuqlajti b'dak leħenhom ta' sriedek maħnuqa, issa Kristu rxoxta. Is-sema msaħħab u mċajpar tal-jiem ta' qabel donnu ried jaqsam mill-ferħ ta' tak il-jum u tbiddel f'sema diefi. Ebda ħajbura ma tidher.

L-istatwa ta' l-Irxoxt bil-palma f'idu, simbolu tar-rebħa, il-qawmien mill mewt, wara l-ewwel ġirja qabdet it-triq ta' Santa Margerita. Ġirja oħra sa quddiem il-kunvent tas sorijiet klawsura. Kollha ħarġu jittawwlu minn wara l-gradi tal-ħadid. Minn hemm għax-Xgħajra.

Tul it-triq bejjiegħa bil-qfief tal-karawett u ċiċri, tal-pastizzi u l-qassatat, bejjiegħa tal-figolli, u l-Foffu bil-bezzun tal-ġelati barra l-ħanut. Nies tixtri r-ruġġjata mill-ħwienet biex taqta' l-għatx. Il-kleru jpassi quddiem, il-banda warajh iddoqq marċi tal-festa b"temp ħaj ferrieħi.

L-Irxoxt għaddej fuq l-ispallejn fost iċ-ċapċip tal-folol miġbura fuq il-bankini, l-agħjat tal-bejjiegħa, it-tixjir tal-figolli f"idejn it-tfal. Ir-reffiegħa waqfu għal ftit biex jieħdu n-nifs u jlegilgu qatra minn ħanut fil-qrib. Irħewh ftit fuq il-forċina ta' sħabhom qabel ma jieħdu l-ġirja li kien imiss. Issa fit-triq ta' Santa Tereża. Qabel telqu, sellmu lill-knisja tal-patrijiet Tereżjani billi għollew il-vara għal darba tnejn b'sinjal ta' qima.

U telqu. Kollha pass wieħed. Pass wieħed falz, u min jaf l-istatwa kif tmil u taqa'! Miskin min idabbarha. Imma l-festa ta' l-Irxoxt ilha ssir is-snin u, sa fejn niftakar jien, qatt ħadd ma ndarab. Hemm għadu l-Irxoxt, sena wara l-oħra jdur it-toroq u jferraħ. Jiġri rebbieħ bil-palma f'idu u r-raġġiera fuq rasu, b'dik il-ħarsa serja mitfugħa l-quddiem fuq folla li ċċapċap u tifraħ.

Iż-żagħżagħ mimlija saħħa u ħeġġa jiġru wara l-istatwa jgħajjtu u jxejjru mkatar u brieret. Briju ma' kullimkien.

It-triq ta' Santa Tereża f'nofsha tinferaq f'zewġ toroq żgħar u dojoq. Minn hemm l-istatwa tgħaddi bil-ħniena, imma fil-pront tfiġġ ġo pjazza Gavino Gulia. Tinfexx musketterija li tkompli żżid ma' l-għagħa u l-istorbju tal-folla.

Kollox mexa kif kellu jimxi bl-ordni. Waslu biex jieħdu l-ġirja fi Triq San Pawl. Hawn inqala' ntopp ċkejken li seta' ġab konsegwenzi kbar. Kikku tax-Xaqwi mlaħlaħ ġmielu bilfors ried jieħu dik il-ġirja hu minflok wieħed mill-aħwa tal-Ġgant. Kikku boċni, mibrum, immuskulat, b'saħħtu, ġelliedi, ma kienx jibża' minn għaxra f'daqqa; tal-Ġgant, għad li laqmu jixhed saħħa u qlubija la kien ta' saħħa speċjali lanqas qalbieni, ġlieda jara kif jaħrabha, ma riedx idendel kusu miegħu, u warrablu biex jarfa' hu. Ir-reffiegħa l-oħra xejn ma għoġbithom din ta' Kikku. Kien ġa mxengel sewwa, għajnhom għokrithom minnu u ma riduhx iġerri magħhom. Indaħal il-viċi fin-nofs biex jikkwieta l-affari, imma mur fiehmu lil dan Kikku, ras iebsa tal-ħadid! Ma ried jisma' b'xejn u għaddiet tiegħu.

Bilkemm laħqu telqu, Kikku quddiem għajnejh ħlief kwiekeb ma bediex jara, l-inbid beda jagħmel sehmu, saqajh se jogħtru u ma jogħtrux, se jaqa' u ma jaqax. L-istatwa mielet ftit, ir-reffiegħa tala' d-demm għal rashom, in-nies jgħajjtu u jwerżqu. Fost il-kotra qam paniku u biża'. Tal-Ġgant ma fdaħx lil Kikku, qagħad jiġri pass pass miegħu u malli rah ser jogħtor ħataf il-lasta hu. Mn'alla kien fin-naħa ta' wara, għax meta Kikku tgerbeb l-istatwa bis-saħħa u l-ħeffa tar-reffiegħa baqgħet sejra tiġri l-quddiem. Kien b'miraklu li l-Irxoxt ma waqax u tfarrak. Kikku ma ħelishiex ħafif.

Il-folla ta' żagħżagħ u tfal baqgħu għaddejin jiġru wara l-Irxoxt jirfsu u jgħaffġu fuq il-ġisem ta' Kikku minxur minn tulu fl-art.

Ftit ħin wara pprova jqum. Saqajh ma felħuhx. Ġismu mkisser bid-daqqiet, mitruħ. Wiċċu sar maskra bid-demm.

Qatta' xahrejn l-isptar. Minn hemm ma ħariġx sħiħ. Sieq waħda kkankratlu u kellhom jaqtgħuhielu.

Fis-snin ta' wara, kull sena hemm kont tarah lil Kikku ħdejn il-knisja ta' Santa Tereża bilqiegħda fuq banketta b'tilar tal-figolli tar-Rina quddiemu, in-nies imdawwra miegħu jdawwru ċ-ċippitotu. Min jirbaħ, b'sold jieħu figolla: żepp jew Grez, ħuta, vapur jew żiemel bil-bajda taċ-ċikkulata f'nofs żaqqu.

Waqt li l-Irxoxt ikun għaddej bil-ġirja quddiemu, Kikku jsellimlu bi tbissima u jxejjirlu l-beritta.

---

Nota editorjali: Din il-kitba ġejja mill-ktieb ta' Ġuże' Chetcuti "L-Imħatra u 24 Novella Oħra" 148 paġni, 1991. Dan fih ħafna siltiet b'xejra folkloristika. Ġuże' Chetcuti, kittieb magħruf tal-Malti, kiteb lill-editur biex jgħidlu li il-kitba ta' Gużi Buontempo "L-Irxoxt ta' Dari f'Bormla" li dehret fl-Imnara No. 14 tal-1990 fakkritu fi tfulitu, għax għadda nofs ħajtu f'Bormla. Jiftakar li meta l-Irxoxt kien jitla t-taraġ kollu ta' Strada Oratorio, kien jagħmel l-ewwel ġirja hemmek, u meta kien żgħir, hu kien ixejjer il-figolla mill-gallarija waqt din il-

ġirja. Meta mar joqgħod Strada San Giorgio, il-proċessjonijiet kienu jgħaddu wkoll minn hemm, iżda ta' l-Irxoxt ma kienx jarha tgħaddi minn hemm, għax wara l-ewwel ġirja minn Strada Oratorio kien jitla' għal Strada Santa Margerita jieqaf ftit mumenti fil-pjazzetta quddiem il-kunvent tas-sorijiet tal-klawsura ta' Santa Margerita, u minn hemm jibqa nieżel għax-Xgħajra mnejn jieħu ġirja oħra ġirja oħra. Fl-imgħoddi dawn il-festi ta' l-Irxoxt, u oħrajn, kienu jsiru b'aktar ħerqa, u bosta jgħidulna kemm jieħdu gost jaqraw it-tifkiriet fl-Imnara.

-----------oooooOOOOOooooo-----------

## L - IMNARA

"L-Imnara" toħrog mill-Għaqda tal-Folklor darba fis-sena. Minħabba li l-fondi ta' l-Għaqda ma jkunux għoljin, u l-għadd ta' l-imseħbin qatt ma jkun kbir ħafna, ma strajniex nistampawha bil-proċessi ta' publikazzjonijiet oħrajn, iżda dejjem sar mezz li joħroġ medja ta numru kull sena. Xtaqna li kieku noħorġu L-Imnara darbtejn f'sena, iżda dan ma nistgħux nagħmluh mhux biss minħabba l-ispejjeż tal-materjal iżda wkoll li x-xogħol isir kollu mill-editur, li wara kollow għandu bosta impenji oħra u ma jkunx jista' jlaħħaq max-xogħol. Għal żmien kellna servizz ta' "duplicating" minn xi ħbieb, għalhekk iffrankajna aktar spejjeż, iżda dan l-aħħar qed ikollna nħallsu għal dax-xogħol u l-ispejjeż irduppjaw. Mill-ħarġa numru 14 tal-1990 bdejna nittajpjaw ix-xogħol fuq il-kompjuter biex ikun aktar preżentabbli, iżda ma kellniex il-faċilita' ta' ċerti karattri u aċċenti Maltin. Għal din il-ħarġa stajna naddattaw il-kitba bil-Malti għall-aħjar, u nisperaw li issa nkunu nistgħu nipproduċu L-Imnara aħjar. Madankollu ma nistgħux nevitaw li jkollna xi dewmien sakemm inlestuha, mhux biss minħabba li l-editur irid ilaħħaq ma' kollox, iżda wkoll għax mhux faċli insibu min jikteb; hemm bosta li joffru, iżda mhux kulħadd jasal biex jikteb malajr jew addattat.

L-editur jaċċetta kitbiet għall-L-Imnara, iżda jridu jkunu oriġinali, u bbażati fuq esperjenzi jew riċerki personali, u mhux ippublikati band' oħra (ħlief f'xi eċċezzjonijiet). Jekk jista' jkun il-kitbiet iridu jkunu konnessi mal-gżejjer tagħna.

Il-kitbiet għandhom jintbagħtu lill-Editur, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02.

L-Imnara tintbgħat lill-membri tal-Għaqda tal-Folklor li jkunu ħallsu Lira fis-sena għas-sħubija. Il-ħlas jista' jintbgħat f'bolli tal-4c jew 3c, ukoll lill-editur.

---

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

# FESTI U MANIFESTAZZJONIJIET

Noti ta' Guido Lanfranco

Meta nitkellmu dwar il-festi, daż-żmien li qed ngħixu aħna, jiġu quddiem għajnejna, minbarra il-festi interni liturġiċi, il-proċessjonijiet, baned, tiżjin u vari. Iżda dawn ma kienux minn dejjem u żviluppaw bilmod.

Il-festi reliġjużi liturġiċi tist' tgħid li kollha kienu jsiru ġewwa l-knisja. In-nies fl-antik kienu aktar foqra, għax ma kienx hemm stabbiliti sistemi ta' għajnuna soċjali u pensjonijiet kif nafuhom aħna; din is-sitwazzjoni kienet teżisti maddinja kollha. Għalhekk ma kienux isiru spejjeż speċjali, ħlief li min jista' kien jagħmel xi donazzjoni lill-knisja, fosthom dawk li kienu jħallu legati ta' flus, li bihom kienu jitħallew obbligi biex jitqassmu xi affarijiet ta' l-ikel jew xi muniti lill-foqra li jattendu għall-funzjonijiet fil-festa. Ħafna mill-għajnuna li kienet tingħata kienet dik tal-fratellanzi, li kienu jieħdu ħsieb il-foqra membri tagħhom u oħrajn; tista' tgħid li kulħadd kien membru f'xi fratellanza, biex b'hekk, dak li ma kienx jagħti l-istat, kienu jagħtuħ il-fratellanzi.

Festi kmandati kienhemm għadd mhux ħażin, minbarra it-52 ħdud. Fost il-festi kmandati kienhemm waħda għal kull appostlu, il-Milied u tlitt ijiem wara', l-1 ta' Jannar, Tre re (Epifanija), Konversjoni ta' San Pawl, Kandlora, Nawfraġu ta' San Pawl, San Ġużepp, Il-Lunzjata, L-Għid il-Kbir bil-jumejn ta' wara', Santu Kruċ, Lapsi, Pentekoste, Korpus, San Ġwann Battista, l-Imnarja, Sant' Anna, San Lawrenz, il-Vitorja, San Mikiel Arkanglu, il-Qaddisin Kollha, il-Kunċizzjoni, San Silvestru; bkollox mat-92 festa kmandata. Festi oħrajn kienu jsiru mill-istat, meta jitwieled xi re isir xi papa, u xi ħadd kbir iżur il-gżejjer tagħna. F'dawn l-okkażjonijiet ta' l-aħħar kienu jisparaw xi murtali jew kanuni u jinxtegħlu il-fjakkli.

F'xi okkażjonijiet kienet issir proċessjoni madwar il-knisja, iżda rridu niftakru li il-knejjes ta' l-imgħoddi kienu dawk li issa ngħidulhom "tal-kampanja", u għalhekk kienu ċkejknin, u l-proċessjonijiet madwarhom ma kienux kif nafuhom issa. Ukoll, fil-proċessjonijiet ma kienux joħorġu vari, u għalhekk l-interess kien jibqa' fuq l-okkażjoni devozzjonali. Minflok tiżjin kif nafuħ issa, in-nies kienu joħorġu xi qsari barra l-bibien jew fuq it-twieqi, kif għad xi drabi isir fejn ma tiżżejjinx it-triq, bħal meta ssir il-festa ta' Korpus Kristi, u jinxteħtu ħxejjex u fjuri mat-triq u fil-knisja.

Ma kienx hemm vari tal-proċessjonijiet. Kienu joħorġu r-relikwa jew xi kwadru devot, jew inkella xi forma mqasqsa tar-ras tal-Madonna jew il-qaddis konċernat. Sa hawn il-parruċċani ma kellhomx x-jaqsmu ma' vari għall-festi. Iżda fi żmien l-Ordni bdew iġibu minn barra statwi differenti minn dawk li nafuhom aħna, fis-sens li dawn kienu jkunu biss ir-ras, l-idejn u s-saqajn separati, li mbagħad kitwaħħlu ma' korp ta' xi materjal ieħor ta' njam jew tiben, u jlibbsu kollox bid-drappijiet skond il-bżonn. Wara' l-festa, dawn kienu jiżżarmaw u jintrefgħu fis-

sakristija. Iżda hawn bdiet il-parteċipazzjoni tan-nies fil-festa, għaliex bdiet tiżviluppa sistema fejn benefatturi, ġeneralment nies li kienu jistgħu fil-mezzi tagħhom, kien ikollhom il-privileġġ li jżommu r-ras jew parti oħra ta' l-istatwa fid-dar tagħhom, u joħorġuha fil-festa. Din is-sistema xterdet aktar meta bdew isiru vari tal-Ġimgħa l-Kbira, l-aktar magħrufin tal-Birgu.

L-ewwel vari kienu ta' l-injam, għalhekk kienu xogħol ta' skulturi magħrufin jew "akkademiċi". Is-sistema ta' rjus, idejn u saqajn separati naqset, u saru ftit statwi ta' l-injam. Naqset ukoll l-ikona jew kwadru fil-proċessjonijiet. Sadattant il-knejjes bdew jinbnew akbar, ġeneralment fuq l-istess post fejn kienhemm oħra żgħira. Dawn kienu l-aktar jinbnew bil-ġbir ta' flus minn għand il-parruċċani jew donazzjonijiet minn għand sinjuri. Bdew isiru aktar legati għal festi, għax in-nies u l-fratellanzi bdew aktar jipparteċipaw fit-tmexxija tal-festi minħabba li kellhom aktar rabtiet kemm mal-bini kif ukoll mal-legati u l-vari. L-irħula u l-bliet kibru f'dawn il-manifestazzjonijiet. Fil-festi prinċipali, ukoll fiż-żmien tal-Ġimgħa l-Kbira, kienu jipparteċipaw mużiċisti popolari fil-proċessjonijiet ukoll ġewwa l-knisja, bil-flawt, żaqq u tanbur, li fdal tagħhom kien għad baqa' f'xi proċessjonijiet reċenti. Dawn, tista' tgħid, kienu l-prekursuri tal-baned li nafu issa.

Sadattant, il-fratellanzi kibru, bosta minnhom stanew minħabba legati u donazzjonijiet minn konfratelli sinjuri, bnew oratorji u kappelluni maġenb jew fil-knejjes, u għalhekk bosta minnhom kellhom hafna saħħa fit-tmexxija tal-festi. Fil-parroċċi kienu, u għad baqa' ftit s-issa wkoll, jorganiżżaw festi speċjali tagħhom, skond il-protettur li kellhom, bħal Santu Rokku, San Mikiel, San Ġużepp, Tal-Karmnu, taċ-Ċintura, Rużarju, Duluri, u oħrajn. Dawn, skond il-mezzi tagħhom kellhom l-istawa tagħhom għall proċessjoni, u wkoll armar għalihom kemm fil-knisja kif ukoll barra.

Fis-seklu li għadda, ftit kienu il-vari li joħorġu bihom fil-proċessjonijiet, għaliex dawn kienu jkunu ta' l-injam, magħmulin minn skulturi, u għalhekk kienu jiswew ħafna. Minbarra hekk, kienu wkoll tqal għall proċessjonijiet. Għalhekk bdiet dieħla d-drawa li jsiru statwi tal-kartapesta. Hawn irrid ngħid li il-kelma "kartapesta" hija ġeneralizzata ħafna, għaliex b'dan it-terminu infissru li l-istatwa ma tkunx saret minn skultura. Fl-iskultura l-artist inaqqax minn blokka ta" njam, ġebel irħam. Għall proċessjonijiet kienu ta' l-injam dawk li kienu jagħmlu l-iskulturi. Fil-każ tal-vari tal-"kartapesta" l-artist aktar preċiż jekk insejħulu statwarju, għax jagħmel l-istatwa, iżda mhux jiskolpiha. Il-"kartapesta" kienet tkun (u għadha) taħlita ta' marterjal. Il-wiċċ, is-saqajn u l-idejn jinħadmu fuq forma li jagħmel l-istatwarju stess jew jakkwistha minn għand artist. B'taħlit ta' ġibs, kolla, karti, serratura, kartun l-artist jew statwarju jagħmel dawn li semmejna, u jgħaqqadhom b'qafas kemm jista jkun ħafif u vojt, u wara' jlibbes kollox bi drapp jew xkejjer imħaltin bil-ġibs, kolla u materjal jew kompożizzjoni li jrid hu. Ir-riżultat ikun vara tal-"kartapesta" ħafifa u tajba biex tinġarr fil-proċessjonijiet. Malli daħlet

din is-sistema ta' vari tal-"kartapesta", ħfief, irħas aktar minn ta' l-injam, u jsiru aktar malajr, dawn żdiedu u nfirxu ma' kullimkien. B'din iż-żieda ta' vari żdiedu l-proċessjonijiet bil-vari.

Iżda fis-seklu li għadda mhux biss żdiedu il-vari; bdew jiffurmaw l-ewwel baned fl-irħula u l-ibliet. Dawn bdew jagħtu karattru ieħor lill-festi. Minħabba l-baned, in-nies kienu aktar jipparteċipaw fil-festi. Infatti, f"xi żmien, l-isqof kellu joħrog regolamenti fejn jipprojbixxi li il-banda toħroġ mal-proċessjoni, għax in-nies kienu aktar jagħtu każ ta' din milli l-okkażjoni prinċipali.

Wara ż-żmien tal-fjakkli ġie ż-żmien tat-tazzi taż-żejt li kienu jiddendlu kemm mal-faċċata tal-knisja, kif ukoll ma' armar fit-toroq. Dawn kienu jintużaw ukoll f'okkażjonijiet ta' festi ta' l-istat. Biż-żmien wasal il-"luċe elettrika" u d-dwal saru aktar faċli fit-tiżjin. Fi żmien l-Ordni daħlu sistemi ta' ċelebrazzjonijiet fejn jidħlu l-isparar tal-maskli, ħġejjeġ u fjakkli. Mill-maskli jew murtali li damu sewwwa fi żmien l-Ingliżi, sakemm dawn, wara' xi okkażjoni ta' l-istat, fejn l-Ingliżi kienu iċċelebraw bil-logħob tan-nar, dan daħal ukoll fostna, sakemm fi żmienna huwa mill-aktar organiżżat.

Għalhekk issa, fil-festi tagħna insibu il-logħob tan-nar, baned, proċessjonijiet bil-vari, u tiżjin. Għal dawn kollha hemm kumitati apposta, u għalkemm kollha jikkordinaw bejniethom, tista' tgħid dejjem jinqalgħalhom it-tilwim.

Hemm xi titulari fejn għall-ewwel deher li ma jkunx lok li jkunhemm vara fil-proċessjoni. Dawn kienu it-Trinita Mqaddsa tal-Marsa, l-Għasri fejn għandhom Kristu Ewkaristiku, u r-Raħal Ġdid fejn għandhom Kristu Re. L-ewwel zewġ parroċċi fl-aħħar għamlu referendum fost il-parruċċani, għax kienhemm min irid il-festa bil-vara, u għalhekk issa għandhom il-vara. Tar-Raħal Ġdid joħorġu l-proċessjoni biss-SS. Sagrament.

Madankollu irridu ngħidu li wara' l-Konċilju Vatrikan II (1962-1965) bdew jonqsu xi affarijiet mill-manifestazzjonijiet liturġiċi, ukoll ta' ġol-knisja, li qabel in-nies kienu jieħdu gost bihom. Naqsu wkoll xi festi sekondarji u festi oħrajn ta' barra. Minħabba t-traffiku naqas ħafna wkoll it-tiżjin tat-toroq minn bosta parroċċi. Naqas ħafna mill-kulur tal-fratellanzi li qabel kienu tant numerużi fl-attendenza tagħhom, u issa tista' tgħid li ftit jidħru jekk ma jitħallasx xi ħadd biex jilbes u jerfa' l-istandard jew fanali. Iżda fil-waqt li saru tibdiliet liturġiċi, il-festi ssaħħew fil-parteċipazzjoni tal-poplu f'dawk li huma manifestazzjonijiet esterni. Kienhemm zmien fis-snin 1977-1978, meta l-gvern neħħa l-għadd ta' festi kmandati għal skopijiet politiċi, mexxa l-festi li kienu jsiru fil-ġurnata tagħhom għall-tmiem il-ġimgħa, u mexxa l-karnival għal-Mejju, minbarra wkoll li tneħħew u nbidlu l-festi nazzjonali, ukoll għal skopijiet politiċi. Iżda xorta waħda il-poplu deher li jrid il-festi, u l-biċċa l-kbira tat-tibdiliet li kienu saru fihom reġgħu għalli kienu.

Sadattant baqgħu il-problemi tal-festi li donnhom ma jistgħux iħalluna. Fost dawn hemm il-problema tar-rivalita' tal-każini tal-festi, tal-baned u bejn festi primarji u sekon-

darji. L-arċisqof, diversi drabi kellu joħroġ ċirkolarijiet u avviżi dwar il-festi. Jekk wieħed jeżamina l-kwistjonijiet kollha jibda jara li dawn l-aktarx li jinqalgħu fejn hemm involuti il-vari jew statwi. Fit-18 ta' Ġunju L-Arċisqof ħareġ ċirkolari biex il-kappillani ma jberkux statwi ġodda li se jintużaw barra, jekk mhux bil-permness tiegħu. F'Mejju 1985 kiteb oħra dwar ir-rivalita' eżaġerata, u rrefera wkoll għall festi sekondarji u opri ġodda, u li tingħata aktar importanza għall dak li hu spiritwali u karita' lill-proxxmu. Dwar l-istess ħaġa ħareġ oħra f'Awwissu 1989.

Kappillani u arċiprieti jixtiequ jikkontrollaw l-imġieba fejn tidħol u toħroġ il-vara. Naħseb li hawn għamndha ssir l-edukazzjoni fost dawk il-ftit parteċipanti li minħabba fihom jinqala' t-tilwim. Hemm min jixtieq li jnaqqas jew ibiddel is-sistema tal-festi esterni biex ikunhemm aktar rispett lejn il-qaddis jew suġġett tal-festa, u aktar parteċipazzjoni tal-parruċċani. Billi l-proċessjoni bil-vara tgħaddi mit-toroq prinċipali tal-belt jew raħal. il-familji jipparteċipġaw u jħosshom parti mill-festa tal-post, u għalhekk iżejnu, jixgħelu, u jistiednu n-nies għall-festa. Li kieku tonqos jew tispiċċa r-rotta tal-proċessjoni, jonqos ukoll l-interess tal-familji tar-raħal. Il-parroċċi, daż-żmien, qed jorganizzaw attivitajiet matul in-novena jew żmien ieħor qabel u f'jum il-festa, fejn jipparteċipaw it-tfal, il-morda, ix-xjuħ, l-għaqdiet, u entitajiet oħrajn. B'hekk dawn ikunu jilħqu l-iskopijiet spiritwali tal-festa. Iżda n-nies xorta waħda jridu n-nar, il-vara, t-tizjin. Jekk dawn jonqsu, tonqos ħafna l-parteċipazzjoni u l-pjaċir tal-festi tagħna.

Veru li kollox jinbidel maż-żmien, skond l-evoluzzjoni taċ-ċirkostanzi, iżda ma jkunx pass għaqli jekk jinbidlu bosta affarijiert f'daqqa, l-aktar fejn tidħol il-parteċipazzjoni tan-nies fil-manifestazzjonijiet esterni. Kull pajjiż għandu d-drawwiet u l-folklor tiegħu, u dan hu li jagħti l-ħajja lill-festi. Komunitajiet reċentissmi f'Malta, bħal ngħidu aħna Santa Luċija u oħrajn, m'għandhomx tradizzjonijiet, u hemm, il-festa hija biss liturġika; veru li b'hekk ma jinqalax inkwiet ta' rivalitajiet, iżda r-residenti t'hemm ifittxu rħula oħrajn biex jidħlu fl-ispirtu ta' festa esterna.

-----------oooooOOOOOooooo-----------

<u>Dr. Charles George Cassar, MD, MRCGP.</u> Miet fit-30 ta'Diċembru 1991, fl-eta' ta' 90 sena. Hu kien il-fundatur u l-ewwel president tal-Għaqda tal-Folklor li twaqqfet uffiċjalment fl-1964. Iżda Dr. Cassar kien ġa waqqafha taħt forma oħra, meta snin qabel, kien ifforma l-Għaqda bi grupp żgħir ta' persuni, biex jamministraw u jikkontrollaw il-kompetizzjonijiet tal-għana tal-Imnarja fil-Buskett. Sa l-istess sena li miet fiha kien għadu juri nteress u jinkuraġġixxi l-Għaqda tal-Folklor, anzi kien jinsisti li l-laqgħat tal-kumitat isiru fid-dar tiegħu Triq San Kristofru l-Belt. Il-membri tal-kumitat attendew għall-quddiesa tal-funeral, u kienu wkoll offrewlu quddiesa għal ruħu fil-knisja ta' Santa Barbara, fejn attendiet ukoll is-Sinjura Cassar. L-Għaqda hija rikonoxxenti jeln Dr. Cassar, u tħeġġeġ lill-membri u ħbieb biex jiftakru fih fit-talb tagħhom.

## CONTESTING THE PAST.....Oral History, Folklore and Other Visions

by John Chircop

Traditional historians are preoccupied only with what is empirically believed to be factual and its documented evidence. They are a species belonging to hard facts, chronological sequences, exact dating, locations and happenings. Empirical documentation still remains the basis on which traditional historians build up their *histories*. Locally, traditional historians are still in the primary level of rationalizing the historical; of trying to weed legends out of historical facts.

In fact, polemics are still going on at academic level about what is, and what is not mythical. Myths are hurriedly brushed out from the historical into folklore. Thus, academics occupied with history are, in this process, disengaging themselves from history as they leave the study of myths to others. They do not stop and think of the possibility that myths could form part of the historical experience.

However, as history deals with humans who had always had their subjective inner life and their symbolic communicative levels, historians have to rethink some of their positivist dogmas and open up their fields of study. They have much to learn from students of myths, especially those who are trained in the skill of *listening* to people. It is here that the historians and the folklorists have the most to learn from each other. To the former folklore 'encourages us to pay more attention to stories and give much more space and time for them, allowing descriptive or documentary detail to appear, as it were, in the interstices of the narrative rather than making it the chief object of our work".(1) With this view in mind, historians will gain appetite for the whole human sphere. They will find that the traditional academic divisions of the social in the objective and the subjective areas (as if they were two worlds apart) does not stand any longer. Instead, historians will become aware of the historical intermixture of the two.

Thus, it is within this view that the accepted academic boundaries between subjects, begin to be seen as a bulwark against innovative intellectual development. As importance begins to be given to the integral person, (with due importance given, not only to the rational, but also to the irrational sphere) the historical experience becomes multifaceted. It is this radical conception of history that will give the mortal blow to the outdated empiricist history of Rankean memories. This will give birth to the acceptance of the person in history. This organic interrelationship with the social and the economic, will become the most important aspect of study. The structure of everyday life in its multifaceted dimentions will become the main objective of academics dealing with the past. A *holistic* approach will become a *good sense* for all historians.(2)

An artriculated interdisciplinary approach has become indispensible for today's historian. Taking folklore as an example, it has been totally ignored by historians, except for some refer-

ences of a *concrete nature*. This situation has come about because historians have not been interested in the symbolic life of the collectivity. They saw greater priorities in a field where basic histories are non-existent.(3)

The process by which historians weed out myths from historical "facts" has not taken into consideration the human experience related to the whole question. Myths have been most important for people. They embedded their minds and engulfed their world views. Historians must study them as such; as world conceptions of whole nations, classes and individuals. Labelling them as false beliefs cannot compensarte for their power in certain historical situations and as determining social experiences. In this context, the relation between the private and the public becomes a primary concern for historians.

Studies in integrational attitudes and experiences become fundamental as myths pass from one generation to the next in various forms. Stories, folk-songs and ballads are some of the transmitting forms which historians have to accept as primary sources for their investigations. This approach is instrumental in studying seriously many aspects of the human experience. For instance, how can a historian interested in the development of nationalism in Malta (as elsewhere) ignore such potent forces as collective myths which were at the basis of such symbolic entities? Is not nationalism a symbolic category? Is it not a popular myth? (4)

Becoming interested in the collective symbolic level in history, one begins to consider the great strength which myths still have in the daily life of the people. Myths are constantly regenerated and created anew or reshaped within different environmental or historical experiences. It is in this way that people make sense of the past and feel themselves part of the social entity in time.

All this necessitated the adoption of new methods for investigation in addition to traditional ones. It is here that historians have much to learn from the folklorists' methods of collecting and using oral traditions. Historians must learn to listen to story tellers and folk singers, and then adopt methods connected with the collection of oral sources. This would necessarily mean reconsidering some traditional concepts connected with their occupation, especially with regard to evidence. Historians should not only deal in archives, but with living people. Thus they have to learn the techniques of *listening* and interviewing.(5) Lastly, this would mean a totally differnt approach to society around them. Snobbery plays no part in the characteristics of this new type of historians.

The importance of oral documentation is felt when one considers that the great majority of people, until very recently, have lived in a society where the overwhleming means of communication was oral. In this type of society "the vague collective memory is formalized, sytematized, replenished with details and shaped into formal tradition, time and again."(6) This becomes more important to the historians interested in non-literate societies or social groups. Their collective beliefs, aspira-

tions, taboos and traumas as well as forgotten everyday facts, are all variously transmitted orally from generation to generation. Thus, either historians begin to consider these new approaches, or Maltese history will have a very painful future. The past will have no future. Maltese history, like the third world of which it forms part, "needs to be decolonised, to be rescued from the tyranny of official documentation, to be allowed to study all facets of the past."(7) The past must be contested.

References and notes

1. P.Thompson and R.Samuel "The myths we live by" Routledge, London, 1990 p.12
2. According to A.Grtamsci, "common sense" means "the incoherent set of held assumptions and beliefs common to any given society, while *good sense* means practical, empirical common sense." A.Gramsci, "The study of Philosphy" Prison Notebooks Lawrence and Wishart, London, 1976, p.323.
3. For instance, the basic economical and social histories of Malta are still unwritten.
4. P.Thompson and R.Samuel, p.74.
5. P.Thompson, "The voice of the past" Oxford Univ.Press,Oxford 1982, pp. 196-217.
6. D.Henige, "Oral Historiography" Longman Publications,New York, 1982 P.5.
7. ibid.

-----------oooOOOooo-----------

Fl-istampi li jidhru wara din il-faċċata:

L-artiklu li ġej jittratta dwar il-Karnival ta' l-imgħoddi, għalhekk wara din il-faċċata qed jidhru żewġ illustrazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett.

Fuq: It-terrimaxka (jew kaxxa tad-daqq) fis-snin ħamsin, fix-Xatt ta' Tas-Sliema. (ritratt ta' Antoine Lanfranco, misluf minn Guido Lanfranco.

Isfel: It-terrimaxka fil-Karnival. Tpinġija fi stil popolari ta' Guido Lanfranco, 1975.

-----------ooooOOOOOoooo-----------
OOO
O

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY


233-21


13.7.83

# IL - KARNIVAL LI NIFTAKAR FL - IMGHODDI

Paul Portelli

Fl-imgħoddi l-Maltin kienu jgħixu differenti m'illum. Il-ħajja kienet timxi pass aktar bil-mod u aktar kwieta. In-nies kienet tqattagħha ix-xogħol, il-knisja u d-dar. Ma kienx hawn "socials", "coffee mornings", "parties" u televiżjoni. Għalhekk meta tasal xi festa, kienu jistennewha bil-ħerqa. Il-karnival kien wieħed mill-festi prinċipali.

## Il-Ballijiet u l-Parata

Kien jibda bil-"Ġovedi Gras" li jaħbat il-Ħamis. Filgħaxija kienu jsiru l-ballijiet f'Il-Borża u l-Casino Maltese, niftakar li bil-kbir u l-aqwa. Kien ikunhemm ukoll taċ-Ċivil u tal-Każini tal-Baned, bħal King"s Own u La Valette. Iżda dawn kienu għall-membri u l-familjari biss. Tal-Borża kien l-aktar wieħed magħruf, mhux għall-ballijiet biss, iżda wkoll għall-ilbies sabih u ikel tajjeb. Kienet tiddendel purtiera kbira wara l-kolonni b'dawl qawwi warajha. Kienet tinġabar folla kbira ta' nies quddiemhom u quddiem il-Casino Maltese biex jaraw il-membri deħlin bil-kostumi mill-isbaħ jew bl-"evening dress". Fuq il-kostum,. l-irġiel kienu jkunu bil-"coat", "muffler" u kappell, u in-nisa bil-kowtijiet tal-"fur" lussużi.

Is-Sibt filgħodu kienet issir il-parata. Waħda li nniftakar sewwa rajtha quddiem is-suq fi triq Merkanti. Kienhemm tfal libsin ta' kavallieri jew torok, f'idejhom xwabel miżbugħin lewn il-fidda jiżfnu u jħabbtuhom ma' xulxin, filwaqt li jiffurmaw ċirku li f'nofsu kien ikunhemm tifla dritta dritta liebsa aħmar u abjad simbolu ta' Malta. Magħhom kien ikunhemm xi tlieta jew erba' rġiel, min jiddireġihom u min jofroq il-folla.

## It-Terrimaxka

Ma nistgħux ma nsemmux il-famuża terrimaxka. (korruzzjoni tal-kelma terra magica) Din kienet tallegra ħafna fil-jiem tal-karnival u tokkupa post importanti ħafna fil-festi karnivaleski. Ħasra li mgħadhiex tintuża; nixtieq nappella lill-Kumitat tal-Karnival biex jekk għad baqa' minnhom, din terġa' tieħu postha. Kienet speċi ta' pjanu fuq karrettun. Fil-manek tiegħu kien ikunhemm ħolqa tal-ħadid f'kull naħa u ċinga wiesgħa xi żewġ pulzieri marbuta magħhom; raġel bil-kostum kien jiġbed il-karrettun billi jgħaddi din il-ġilda minn fuq spġalltu għal fuq sidru. Oħrajn kbar kienu jinġibdu minn ħmar jew pony. Uħud kienu elaborati ħafna fid-disinn, bil-figurini għoljin xi tnax il-pulzier (pied) iduru bil-mera warajhom biex jidhru doppji. Il-mużika kienet tiġi minn ċilindru tal-metall idur ġewwa, kollu snien. Bejn wieħed u ieħor kien idoqq minn tmienja sa tnax il-ton differenti, bit-tango, Charlston, kanzunetti Naplitani u miżika minn opri...mużika popolari tal-mument. Raġel bil-plattina f'idu jiġbor xi sitt ħabbiet jew sold minn-nies ta' madwaru, jew jixħtuhomlu mill-gallarijiet. Dan kien ikun liebes il-kostum, ġeneralment ta' buffu (clown). Qabel kien jagħmel xi ftit gabir-joli jew idur ċirku fuq saqajh.

Ilbies jew Kostumi

Is-Sibt kien isir il-matine' għat-tfal fit-Teatru Rjal u fit-Teatru Manoel; wara' l-gwerra fil-Palazz. Kienet issir kompetizzjoni bil-premjijiet għall-aħjar kostumi. It-tfal kienu jiċċelebraw u jagħmlu l-parti tagħhom. L-ilbies kien ivarja ħafna fil-karnival. Kien hawn min jilbes sempliċi, biċċa drapp imgeżwra miegħu u xi żarbun kbir ta' missieru jew ommu; il-wiċċ kien ukun imċappas bin-nigrufum jew bil-karti kuluriti tat-tajr miblulin bl-ilma. Oħrajn b'xi kostum ta' tork, baħri, pulizija, Robin Hood, Tom Mix(popolari ħafna dawk iż-żminijiet), Charlie Chaplin, żingara jew "fairy". Xi ftit kienu jilbsu tassew sabiħ u elaborat, bħal tal-muskettieri, Skoċċiżi, Royal Guards, re jew reġina. Il-bniet jilbsu wkoll ta' Shirley Temple (li kienet furja dak iż-żmien), pupa, sinjura bil-krinolin, parrokka bajda u nokkli twal jew xi artista taċ-ċine jew "talkies" li kien għadu jibda dak iż-żmien. Dawn il-kostumi ta' l-aħħar kienu jqumu l-flus għax kienu jkunu magħmulin mill-bellus, ħarir, bizzilel, eċċ.... Missieri kien dilettant ħafna, u kien jagħmilli kostum kull sena, iżda jien ma kontx niddeletta.

Hadd il-Karnival u l-Isfilata tal-Karrijiet

Il-Hadd għal ħabta tas-sagħtejn u nofs kienet tibda l-isfilata minn Strada Rjali (Republic Street), iduru għal Triq San Kristofru (Triq Kristofru ta' dak iż-żmien), u jitilgħu Triq il-Merkanti. Baned ta' rħula bil-kostum idoqqu quddiem diversi karrijiet. Dawn kienu magħmulin minn dilettanti, pero' bis-sengħa. Il-karrijiet kienu trakkijiet bl-armar fuqhom, b'xaqq ċkejken quddiem kemm jara jsuq ix-xufier, u quddiemu jimxi raġel biex jiggwidah fil-kantunieri; biċċiet minnhom kienu tassew kbar u bit-tbatija jduru. Raġel ieħor b'lasta twila jimxi ukoll quddiem il-karru biex jgħolli l-"wires" tat-telefon u ta' l-eletriku. Mhux l-ewwel darba li xi karru kien ikisser xi purtel-la ta' xi gallarija jew figura ta' karru tħalli rasha jew idha warajha. Wieħed mill-isbaħ karrijiet li rajt kien fl-1938 jew 1939. Kien jikkonsisti f'gaġġa kbira kwadra, ħadra, irġiel libsin ta' agħsafar b'ilwien differnti, jaqbżu minn fuq lasta għall-oħra. Kien meraviljuż u kien fih ħafna xogħol. Bħala karrijiet kien ikunhemm grotteski bil-kumpanija tagħhom, tar-reklami u ta' l-istudenti. Dawn ta' l-aħħar kien ikollhom kostu-mi elaborati mill-isbaħ, b'ħafna antaċċol;i żigarelli u bizzilel, ħarir, bellus, eċċ. .. Kienu joħolqu ħafna allegrija permezz ta' ċuqlajti, sfafar u bżieżaq, waqt li jwaddbu perlini, kosbor u rollijiet tal-karti kuluriti. Minn dawn il-kumpaniji kien ikun-hemm minn tlieta sa ħamsa. Għadni nagħraf ħafna minnhom, illum avukati, tobba u periti... Minn tar-reklami niftakar fost l-oħrajn taż-żebgħa Brolac, tal-ħalib Dutch Baby bit-tfajliet libsin ta' Dutch Girls. Ta" l-Ovaltine l-istess, libsin lewn oranġo b'kappell bil-barnuż abjad; il-bott kien ikun kbir, wie-qaf, tista' ssejjaħlu tank. Bħala reklami kienu jwaddbu bottiji-et replika, imma żgħar. Kien ikun hawn oħrajn satiriċi u politiċi. Billi dawn ta' l-aħħar ġie li qanqlu l-inkwiet, ġew projbiti, pero' niftakar xi wieħed x'aktarx tal-'39. Fuq trakk b' mejda kbira, kienhemm Hitler, Mussolini u Chamberlain, bil-globu.

tad-dinja warajhom u jilgħabu l-karti.

Il-karrijiet tal-kumpaniji kienu jinżlu minn Strada Rjali, jieqfu quddiem il-palazz, jagħmlu żifna malajr fl-"enclosure" tal-pjazza tal-Main Guard, jerġgħu jirkbu u jkomplu mexjin. Nhar it-Tnejn kien imħolli għal dawn il-kumpaniji biex jagħmlu ż-żifniet tagħhom għall-premjijiet u l-pożizzjoni. F'dan il-jum, apparti mit-trakkijiet tar-reklami, tal-kumpaniji u taż-żfin, u xi erba' taż-żufjett, ftit li xejn kien ikunhemm attivita' oħra.

Karrozzini

Fl-isfilata kienu jieħdu sehem karrozzini mżejna. X'uħud minnhom kienu jneħħulhom is-saqaf u kien ikollhom kartellun biex jindikaw x'ikunu jirrappreżentaw. Per eżempju xi Xalata Nhar l-Imnarja kien ikun fihom xi erba' rġiel bil-kitarri u xi fniek imdendla, fliexken ta' l-inbid, x'aktarx ilma kulurit, u tazzi f'idejhopm. Libsin bis-sidrija u qliezet kollha rqajja u berritta f'rashom. Kien ikunhemm ukoll karrettuni komuni ta' dak iż-żmien li fuqhom ġeneralment kien ikunhemm familji. Ir-raġel isuq iż-żiemel jew il-bagħal imżejjen. Il-mara tirkeb wara saqajha mdendlin, bl-għonnella jew libsa tipikament kampanjola bit-tfal magħha. Minnhom kien hawn ukoll taż-żuffjett. Niftakar karrettun minnhom tiela' minn Strada Merkanti, quddiem il-Liceo, żewġ irġiel libsin ta' għarus u għarusa tant qalgħu suttar li niżlu jiġru u ħabtu għal dawk li kienu qed jissuttawhom. F'idejhom kellhom tarbija taċ-ċraret, li mnalla ma kienetx ta' veru! Sfortunatament l-issuttar gie li kien isir b'oġġetti iebsin u jweġgħu, u tispiċċa bis-serjeta'.

L-aħħar Jum

It-Tlieta, l-aħħar ġurnata tal-karnival, kienet tibda aktar kmieni fis-sagħtejn, u donnu kien ikunhemm aktar parteċipanti, pero' l-aktar li kienu jkunu mistennija xi wħud magħrufin għaż-żuffjett. Isimhom kien sinonimu mal-karnival ta' dawk iż-żminijiet, u fost l-anzjani għadhom jissemmew sa'llum. Il-Manina l-aqwa wieħed fosthom. Miegħu kien ikunhemm Pawlu l-Bugie, Ċensu iċ-Ċemmeċ i Żaru. Dawn kienu jikru karrozzin, jilbsu tomna u surtun, u bl-umbrellel f'idejhom biex jilqgħu il-kwantita' kbira ta' ssuttar. F'kemm ili ngħid, din l;-umbrella kienet tispivċċa qafas. Suttar biz-zkuk tal-pastard, kaboċċi, larinġ immuffat, bajd jinten seba' pesti, patata, pastizzi, u wkoll xi perlini u kosbor (ċiċri kulurit miksi bil-ġelu). Quddiem is-suq ukoll jissuttawhom bil-mazzit u z-zalzett. Mingħir il-Manina, il-karnival kien ikun bla togħma. Malli n-nies kienet tilmħu ġej kienet titlaq tiġri għal warajh u jibda l-aqwa briju maċ-ċapċip i l-issuttar. Niftakar inċident meta kienhemm hu, Pawlu l-Buġie u ċ-Ċemmeċ. Marru għand ħajjat, ċertu Carbonaro, biex jirtukkhom ftit ta' feruti. Dan waħħlilhom il-ħajt ma' wiċċhom bis-sekotin (adeżiv popolari ta' dak iż-żmien), ċappas kulur ta' żebgħa ħamra miegħu u ma' wiċċhom, u nfaxxalhom rashom, dehra ta' Kursari wara dwell bis-skieken. Dawn ħarġu, rikbu karrozzin, iżda laħqu mxew biss mal-20 metru, u tal-karrozzin riedhom jinżlu, waqt li niftakru jgħidilhom "Inżlu għax se jkissruli l-karrozzin u joqtl;uni!" avolja offrewlu aktar milli kkurdaw. L-issuttar -kien

terribbli dak inhar; in-nies kienet armata tajjeb bl-"ammunition"!

F'inċident ieħor niftakar kif beda l-laqam ta' Ghandi. Kien bniedem ċajtier u ta' karattru ħelu iżda ma tantx kellu għaqal u hekk baqa' sakemm miet, Alla jaħfirlu. Dak iż-żmien kienhemm il-kwistjonbi ta' l-indipendenza ta' l-Indja mal-gvern Ingliż. Mahatma Ghandi kien simbolu ta' reżistenza passiva. Mela dan ir-raġel qaxxar xagħru "close shave", libes nuċċali u geżwer liżar miegħu. Kien jixbaħ perfettament lil-Ghandi ta' l-Indja. Dar minn Triq Kristofru għal Triq Merkanti u f'ħin minnhom fetaħ il-liżar! Qamet għagħa kbira il-pulizija arrestatu minnufih. Minn dakinhar baqa' magħruf bhala Il-Ghandi. Kienhemm oħrajn magħrufin in-konnessjoni mal-karnival. Lil-Ċikku Balalu konna nkantawlu "Ċikku Balalu, Ċikku Balalu, m"hawnx ieħor bħalu fit-tlitt ijiem tral-Karnival!"

<u>Intietef Oħrajn...</u>

Fost oħrajn kienhemm ieħor magħruf bħala l-Konslu. Kien jilbes qisu xi avukat; jitla' fuq waħda mill-egħjun tal-Main Guard (Pjazza San Ġorġ) u jibda jaqra speċi ta' bandu, jew programm elettorali. Botti għall-gvern tal-ġurnata li se jneħħi t-taxxi, ser iżid il-pagi, jintroduċi ġimgħa b'ġurnata xogħol biss u l-bqija ma tagħmel xejn (mhix xi ħaġa rari għax kien hemm qagħad kbir) fost ċapċip kbir.

Kien hawn użanza jew xaqliba oħra fit-tlitt ijiem tal-karnival, opposta għad-divertiment, magħrufda bħala l-velja.(*) Wara li tispiċċa l-isfilata, għall-ħabta tal-ħamsa, kienet issir siegħa adorazzjoni u priedka fil-parroċċi bħala tpattija għall-offizi l-Alla li setgħu saru. Il-knejjes kienu jkunu ffullati. Il-predikaturi magħzula kienu jkunu magħrufin u jiġbdu ħafna nies. Kienet issir ukoll l-adorazzjoni. Fit-tlitt ijiem tal-karnival ukoll, is-soċjeta' tal-M.U.S.E.U.M. kienu jiġbru lis-subien u jeħduhom ġurnata passiġġata fil-kampanja, jagħtuhom xi ħelu u xi santa. Lill-bniet kienu jieħdu ħsiebhom is-soċi nisa. Anki s-sorijiet kienu jżommuhom, iżda ma kienux jorqdu hemm iż-żgħar. It-tfal kienu jieħdu magħhom pakkett għaġin u tuffieħa jew larinġa. Izda t-tfajliet kienu jinżammu tlitt ijiem irtir kontinwu, li fl-istess ħin kienet isservihom għall-vokazzjonijiet.

---------------oooooOOOOOooooo---------------

<u>Nota editorjali</u> Il-*Velja* kienet laqgħa reliġjuża ta' talb fil-knisja. Il-*Veljuni* kienu ballijiet maskarati fil-karnival.

---

# IL - LUTTU TA' L - IMGHODDI

G.M.Buontempo

Il-luttu ta' l-imgħoddi ftit li xejn għandu x'jaqsam ma' taż-żmien. Meta kien imut xi ħadd tal-familja, l-aktar jekk ikun il-kap, il-luttu kien ikun ħaġa ta' rispett għall-mejjet. Nibda biex ngħid li is-saċerdot kien jibqa' mal-moribond sakemm imut biex itih l-aħħar assoluzzjoni waqt li l-parroċċa kienet iddoqq it-trapassjoni. Kien jaqa' kwiet kbir, kul;ħadd imdaħħal fih innifsu, ikunhemm il-biki u jibdew jikkonfondu x'se jagħmlu, sakemm jibda dieħel xi ħadd tal-familja u l-ġara, li jżidu mal-biki u kliem ta' konsolazzjoni, bħal "Għalfejn qegħdin tibku, daqs kemm kien raġel tajjeb?..." Jidħol ukoll il-kommissjonant, li wara li jipprova jżid kliem ta' sabar jara jekk tal-familja jridux jeħdu l-mejjet b'tal-prima jew tas-sekonda. Jaslu aktar nies tal-familja li tkun waslitilhom l-aħbar, u jippruvaw jagħmlu xi ħaġa.

## L-Orfni u n-Newwieħa

Jagħmlu żewġt iċfuf kbar, suwed flok il-pumi tal-bieb ta' barra, u ineħħu il-kwardi jew jgħattuhom u 'l-agħmara. Aktar fl-antik kienu jiġu n-newwieħa li kienu jibdew jixhru u jagħtu fuq wiċċhom. Sa ftit snin ilu flok in-newwieħa ta' l-antik kienu jġibu tfal zgħar ta' l-orfni fil-kamra tal-mejjet biex jarawh u jitolbu mal-madre, sakemm induna b'dan il-ġest iċ-Chief Goverment Medical Officer il-Prof. Carmelo Coleiro, u qatagħha.

In-newwieħa ta' l-antik kienu jidħlu fil-kċina u jaqilbu kollox ta' taħt fuq, u bin-nigrufum tal-borom kienu jħammgu kullimkien. Ukoll jekk kien ikun hemm xi żiemel tal-familja, dan kien ikollu jagħmel il-luttu, għax kienu jaqtgħulu biċċa minn denbu. Il-familja tal-mejjet kienet tagħmel tlitt ijiem ma jsajrux, kienu jġibulhom xi ħaġa l-ġirien. L-irġiel kienu ma jqaxxrux il-leħja għall-ġimgħa. Ma rridx ninsa ngħid li fuq il-kredenza kienu jagħmlu Kurċifiss u żewġ xemgħat mixgħulin għal-40 jum, għar-ruħ il-mejjet. Dawn id-drawwiet ta' l-imgħoddi issibuhom ukoll impinġijin f'żewġ kwadri minn Guido Lanfranco li dehru fil-wirja dwar Aspetti tal-Folklor, fil-mużew ta' l-arkeoloġija mill-Għaqda tal-Folklor, fl-1983; jidhru wkoll fl-Imnara Vol.2 No.2, tal-1983.

## Tal-Prima u Spreċettati

Meta l-għada jiġu biex jieħdu l-mejjet, kien jiġi l-karru jistenna barra b'żewġ żwiemel suwed; anki fuq daħrhom kien ikollhom biċċa damask iswed. Il-kuċċier kien jilbes l-frakk u t-tomna, bilqegħda fuq is-saldatur, u tifel żgħir ma' ġenbu liebes bħalu, ukoll bit-tomna, jekk ik-Okarru jkun ordnat tal-prima. Il-karru kien ikollu anġlu fuq kull waħda mill-erba' rokon. Fuq il-ponta kien ikunhemm il-Kurċifiss; jekk dak li miet ma jkunx għamel il-preċett ta' l-Għid, ma jkunx hemm Kurċifiss. L-ispreċettati, fiċ-ċimiteru, kellhom ukoll post għalihom.

Waqt li jinħareġ il-kadavru mid-dar, kienu jinġabru n-nies ġirien quddiem il-bieb, kulħadd kelma waħda "...kemm kien raġel tajjeb dejjem il-knisja... kemm kien jagħmel karita'..." u jekk

kienet mara "...kemm kellha qalbha tajba .....kemm rabbiet it-tfal tajjeb..." u .."Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem..." Wara l-karru tal-mejjet ikunhemm il-viċi tal-parroċċa fil-karrozzella bl-abbati ħdejh li jkollu f'idu is-salib tal-kleru sporġut barra mit-tieqa tal-karrozzella. Meta n-nies kienu jisimgħu il-karru għaddej jienu joħorġu jittawlu minn djarhom u jgħidu ir-"Requiem.." filwaqt li l-irġiel kienu jneħħu l-berritta jew il-kappell biex isellmu lill-mejjet. Il-viċi kien jibqa' sejjer saċ-ċimiteru fejn kien jagħtih l-aħħar assoluzzjoni.

Il-Qniepen u l-Ilbies

Waqt li l-funeral kien ikun fi triqtu lejn iċ-ċimiteru, kull knisja li jgħaddi minn quddiemha kienet iddoqq tokki tal-funeral u anki waqt li kien ikun dieħel fiċ-ċimiteru. Jekk, per eżempju, il-funeral ikun ġej mill-Isla, idoqqulu wara xulxin, San Filippu, il-Parroċċa, San Pawl ta' Bormla, parroċċa tar-Raħal Ġdid u fl-aħħar taċ-ċimiteru. Jekk kienet tmut tarbija, il-knejjes kienu jdoqqu il-"Glorja". Fl-irħula kienet drawwa li it-tebut jintre-fa' fuq l-ispallej biex jeħduh fiċ-ċimiteru tal-post. Is-soltu il-mara tal-mejjet kienet tibqa' id-dar waqt il-funeral.

Nifrtakar meta miet iz-ziju tiegħi, kont għadni ġuvnott, libbsuni kollox iswed għal sentejn sħaħ. Dak iż-żmien kont tara ħafna bil-luttu strett, kemm l-irġiel, kif ukoll in-nisa. Kont tinduna meta jkun mietilhom xi ħadd tal-familja. Wara it-tieni gwerra dinjija, in-nisa tista' tgħid baqgħu jilbsu l-iswed, iżda l-irġiel bdew bil-mod il-mod jilbsu kannella, griż, eċċ., iżda wkoll bl-inkravata sewda, u faxxa sewda, wiesa' tonda ddur ma' idhom ix-xellugija għal żmien twil. In-nisa wkoll bdew inaqqsu. Min kien ikollu ħanut kien iwaħħal biċċa sewda mal-ħanut għal xi żmien. Il-biċċa tad-dirgħajn bdiet kull ma tmur issir idjaq, u fl-aħħar bdew jilbsu nkravata sewda biss fuq ilbies kannella jew griż. Għall-ewwel in-nisa kienu jilbsu l-iswed u jdumu, saħansitra bl-għonnella, misturin, b'nofs wiċċhom biss jidher. In-nisa damu jilbsu l-iswed wisq aktar mill-irġiel. Illum il-ġurnata, il-luttu kollu jikkonsisti f'buttuna tonda, żgħira mal qmis jekk ikun is-sajf, u jekk fix-xitwa tkun mal-pavru tal-ġakketta. Issa dan l-aħħar ukoll rajt biċċa ċkejkna sewda kwa-dra. Hemm min jgħid li fl-antik, kienu jilbsu l-iswed biex juru li mietilhom xi ħadd tal-familja, biex in-nies li jarawhom jgħidu ir-"Requiem..." għall-mejjet.

-----------oooooOOOOOooooo-----------

# TIFKIRIET TA' TFULITI

Mary Ghio

Id-dinja hekk magħmula, jgħaddi ż-żmien u jitgerbu s-snin, li jġibu bidla kbira fl-użanzi, kostumi u l-ħajja tal-bniedem.

## Trasport

Kien hawn il-ferrovija u t-tram...dawn ilhom li spiċċaw. Kien hawn il-lanċa li konna ngħidulha "Ta' Mattei". Biex konna nmorru mill-Belt għal Tas-Sliema konna nħallsu sold u nofs. Kienhemm lanċa oħra fil-Port il-Kbir li mill-Belt titlaq għall-Isla u l-Birgu u terġa' lura. Jien u ħuti, sakemm nistennew il-lanċa tiġi, konna noqgħodu nħarsu minn fuq il-pont għall-baħar biex naraw il-ħut irqiq għaddej. Meta tasal il-lanċa, xi żewġ irġiel impjegati kienu jieħdu ħsieb jorbtu l-ħbula, jżommulna jdejna biex nitilgħu, jew jgħinu lil xi ħadd iniżżel il-pram tal-"baby". Wara ftit il-kaptan jgħajjat "sija!" nitilqu, u nieħdu gost naraw il-lanċa tofroq l-ilma, fost riħa ta' baħar tfuħ li daż-żmien mgħadhiex tinxtamm. Il-baħar niftakruh aktar nadif...Fejnhom ir-rizzi, gandoffli imħar ta' dari?

Kienhemm il-lift. Kemm kont nieħu gost meta ommi kienet teħodna l-Barrakka ta' Fuq, u noqgħodu naraw il-lift tiela' u nieżel mimli baħrin Ingliżi li kienu jitilgħu mix-xatt biex jidħlu l-Belt... Kien hawn il-karrozzin, iżda llum dan għadu jidher biex jinqdew bih it-turisrti. Dari konna nużawh l-aktar meta kien ikollna bżonn inniżżlu xi xkora tqila lejn Tal-Karmnu jew San Duminku, meta konna nħallsu xi "sixpence" jew tmien soldi u jwassalna sa wara l-bieb tad-dar. Niftakar ukoll il-karrettun biż-żiemel iġorr l-agħmara. Fis-sajf konna nmorru villeġġatura San Pawl il-Baħar. Ġanni kien jiġi biż-żiemel u l-karrettun fl-erbgħa ta' filgħodu biex iġorrilna xi biċtejn agħmara u ħwejjeġ oħra, waqt li aħna konna nitilqu b'tal-linja minn fuq Kasatilja, għax dak iż-żmien Tal -Mellieħa ma kienux jitilqu minn Putirjal. Dawn kienu miżbugħa bojod bil-faxx ċelesti. Konna naslu San Pawl f'xi s-sebgħa, u Ġanni kien jasal magħna jew ftit wara, għax immaġinaw kemm kien irid idum biex jasal.

## Villeġġatura

Kif naslu konna nifthu t-twieqi biex tidħol l-arja. Konna nieħdu il-muftieħ minn fuq xkaffa, u bih konna nmorru nifthu l-għajn ta' l-ilma li kien ikunhemm fil-kantuniera tat-triq, biex nimlew ilma għax-xorb. Kellna xi bomblu nimlewh ukoll.. Fis-satal konna nqegħdu xi dulliegħa u xi flixkun inbid, u nniżżluhom fil-bir biex sa nofsinhar jilħqu jiksħu. Mhux l-ewwel darba li kien jinqaleb is-satal rasu l-isfel u nibqgħu b'xejn.

Dari l-villeġġatura kienet ferm isbaħ, għax kienet isservi verament ta' mistrieħ, toqgħod aktar ixxamplata, sserraħ il-menti għall-kwiet u l-paċi. Meta filgħaxija kien jaqa' d-dlam, fit-toroq kienu jinxtegħlu l-fanali u fid-dar nixgħelu l-lampi tal-pitrolju, noħorġu siġġu ħdejn il-bieb ta' barra u ngħidu r-rużarju. Ħdejna kienu jiġu jpoġġu xi ħbieb tal-familja. Kienhemm min kien ikollu kitarra, mandolina, akkordjon jew xi orgni

tal-ħalq, u kienu joqogħdu jdoqqu, ukoll sa xi nofs il-lejl. Dak iż-żmien la kien hawn televiżjoni, u l-anqas kellna radjijiet għax dawl elettriku ma kienx hemm kullimkien, allura dak kien l-isfog tagħna.

Ġugarelli

Meta kont żgħira jien, it-tfal ma kellhomx ġugarelli bħal ma għandhom it-tfal ta' llum. Is-subien kienu jilgħabu b'xi ballun taċ-ċarruta, bil-boċċi jew biċ-ċippitatu, kif ukoll bil-knisja. Il-bniet kienu jilgħabu b'xi pupa taċ-ċarruta li tkun għamlitilhom ommhom, jew b'xi pupu żgħir tat-tertuqa li konna nixtruh sold. L-agħmara tal-pupa konna nagħmluhom tal-kartun, xi sodda, siġġu jew mejda, u ġie li wkoll konna nsibu xi biċċiet taċ-ċaqquf imkissrin taparsi pġatti, kikkri jew vażuni. Veru li l-affarijiet kienu jinxtraw bis-soldi u bil-ħbub, imma dawk iż-żminijiet ħafna missirijiet ma kellhomx xogħol u kienu jagħmlu sagrifiċċi kbar biex iġibu l-ikel għall familja, aħseb u ara kemm kienu jistgħu jonfqu flus fil-ġugarelli. Niftakar li darba ommi xtratli pupu fl-Istrina, wiċċu tal-kina, b'għajneh jinfetħu u jingħalqu; tistgħu taħsbu kemm kont ferħana bih. Imma taf kemm domt ferħana?....Bħalma jgħidu.."Mill-Milied sa San Stiefnu"! Nhar l-Istrrina filgħodu ħadt dan il-pupu fuq it-tarġa, imma x-xitan ma ħamilx jarani ferħana. L-isfel minna, ġo kerreja kienet toqgħod xiħa jismgħa Nozzi, miskina misjura fiż-ż=mien, fqira, timxi bil-bastun mgħawwġa ganġ, b'ċulqana sewda fuq rasha li biż-żmien saritilha ħadra..insomma kienet iġġiblek ħniena, Alla jaħfrilha. Imma aħna t-tfal konna nibżgħu minnha u n-nies kienu jgħidu li din l-imbierka Nozzi kienet tgħajjen. Meta jien rajtha ġejja, dħalt nigri ġewwa, u billi l-bieb kien nofs bieba ras il-pupa lqattha miegħu u tfarrket biċċiet li baqgħu niżlin fl-isprall tal-kantina. Jien bqajt imbellħa sakemm smajt l-ommi tgħajjat u tinkorla miegħi, bir-raġun, għax dak il-pupu kien jiswa ħames xelini, li dak iż-żmien kienu ħafna, u nfexxejt nibki għax bqajt bla pupu.

Konna nilgħabu ukoll il-Ludo, bil-boċċi, u biż-żugraga. Din kienet tkun żgħira, ndawwrulha spaga ħoxna magħha, niġbduha bis-saħħa u tibda ddur. Iċ-ċippitatu kien ċkejken, u kienu jdawwruh bit-tliet iswaba tal-id. Kienu jilgħabu b'xi ballun taċ-ċarruta u b'xi ċirku li kienu jitilquh għan-niżla u jibda jiġri, fil waqt li jimbuttawh b'xi biċċa wajer ħoxna milwija mit-tarf.

Kienu wkoll jagħmlu karrettun tal-logħob billi jsibu xi kaxxa ta' l-injam, iwaħħlulha żewġ strippi taħt mill wisa', u magħhom isammru irkiekel taparsi roti, jidħlu fiha u jiżżerżqu f' niżla.

Noli bott!

Kienu wkoll jilgħabu "Noli bott". Isibu bott, jitfgħuh kemm jista jkun il-bogħod, u wieħed minnhom kien imur iġibu, waqt li l-oħrajn kienu jistaħbew. Dak li jmur għall-bott, ipoġġih fl-art minn fejn xeħtuh, u joqgħod ifittex lill-sħabu; jekk isib lil xi ħadd minnhom jiġri lejn il-bott u jħabbtu tliet darbiet ma' l-art. Kienu wkoll jilgħabu "Erba' Kantunieri". Erba' subien kienu joqgħodu wieħed f'kull kantuniera, u wieħed joqgħod fin-

nofs. Tal-kantunieri jippruvaw jaqsmu minn kantuniera għall-oħra biex jibdlu posthom, filwaqt li dak tan-nofs jipprova jidħol minflok wieħed minnhom. Jekk jirnexxilu, dak li jitlef postu joqgħod hu fin-nofs. Il-Ħarba kienet logħoba oħra. L-ewwel jaqtgħu it-tokk, u min jiġi kien irid jiġri biex jaqbad lil-sħabu mat-toroq. Il-bniet kienu jqbżu l-ħabel u jagħmlu l-passju. It-tfal iż-żgħar kienu jilgħabu Dawra Durella, u biż-żibeġ Salib l-art u Ħofra. Fuq it-tarġa tal-bieb kienu jilgħabu ta' l-iskola.

Logħob ieħor

Logħba oħra li ma tantx għadhom jilgħabuha daż-żmien, kienet "Ara Ġejja l-Mewt Għalik!"> Waħda mit-tfal toqgħod bilqegħda fuq it-tarġa, u tifla oħra sserraħ rasha fuq ħoġirha b'għajnejha mgħottijin. Xi ħadd jagħtiha daqqa żgħira fuq dahrha, u kollha flimkien jgħidu: "Ara ġejja l-mewt għalik, biex taqlik, biex tixwik...Ara ġejja, ara waslet, din id-daqqa min taghilek?" u it-tifla tkun trid taqta' min kien ta dik id-daqqa, u jistaqsuha x'kastig tkun trid tagħtiha. Ġeneralment il-kastig kien ikun mixja fuq sieq waħda xi nofs kantuniera bogħod u lura; jekk ma tkunx qatgħet min ta id-daqqa il-kasatig kienet trid tagħmlu hi. Din il-logħba kienet tintogħġob kemm mill-bniet kif ukoll mis-subien.

L-iskola konna nilgħabu logħba bil-pinen. Dak iż-żmien ma kienx ikunhemm biex tikteb bħal-issa, iżda fil-bankijiet kien ikunhemm klamari mimlijin bil-linka għal kull tifel jew tifla, u kellna tokka bil-pinna magħha. Biex niktbu konna nbilluha kemm kemm fil-linka u nixxugaw bil-karta xuga biex ma ċċappasx. Konna nżommu kaxxa żgħira bil-pinen bież meta tinkisrilna waħda kien ikollna oħra ġdida. Biex nilgħabu konna noħorġu pinna jew tnejn kull wieħed u konna noqogħdu fi gruppi ta' tnejn jew tlitt itfal, inpoġġu l-pinen wiċċhom l-isfel fuq il-bank, naqtgħu it-tokk, u min jiġi l-ewwel jibda jagħfas hu b-subajh fuq pinna jew tnejn, jgħolli jdejh. Jekk il-pinen jaqgħu wiċċhom il-fuq tirbaħ u tibqa' tilgħab sakemm tmiss il-pinen kollha. Jekk il-pinna taq' wiċċha l-isfel titlef u jilgħab min imiss.

Stejjer

L-istejjer konna nħobbu nisimgħuhom wisq; inpoġġu fuq xi tarġa nirrakkontaw waħda wara l-oħra. L-aktar popolari kienu dawk ta' Ġaħan. Kulħadd iżejjinhom mill-aħjar li jista biex noqgħodu nidħqu. Għall kuntrarju kien hawn stejjer tal-ħares, fatati u erwieħ, kulħadd kwiet, mbeżża' u attent, u jkunhemm xi tifel imqareb jagħti daqqa fuq xi landa biex kullħadd jieħu qatgħa, jgħajjat xi għajta, sakemm nerġgħu nieqfu nisimgħu ir-rakkont. Inmorru d-dar biex norqdu, u meta nitfu d-dawl nitgezzu mwerwrin taħt il-friex, jekk ma ngħattux wiċċna b'xi mħadda għax nibżgħu li se jitla' xi ħares mill-kantina jew minn taħt is-sodda!

-----------oooooOOOOOooooo-----------

Nota editorjali Is-Sinjura Mary Ghio kitbet ukoll tifkiriet ta' l-imgħoddi f'għamla ta' versi, li jidħru fil-faċċata li jmiss. Nippreferu jekk il-kitba ma tkunx versi, iżda qegħdin inġibuha fl-Imnara minħabba l-kontenut u mhux il-versi.

---

TIFKIRIET TA' L-IMGĦODDI minn Mary Ghio

Fejn hu dak iż-żmien ta' dari
meta konna għadna tfal
Nilgħabu biċ-ċippitatu,
boċċi, żibeġ, salib l-art.

Fix-xitwa noqgħodu ġewwa
fuq xi sodda imgezzin
B'lampa tixgħel tal-pitrolju
ngħidu storja lil xulxin

In-nanna bil-mitħna f'idha
kienet titħan il-kafe',
Jew bil-kuruna żżebbeġ
bilqegħda fuq kannape'

Ommi tħejji borma tajba
tqaxxar ful, kaboċċi, ġdur,
In-nannu bil-palju jrewwaħ
biex iqabbad il-kenur.

Wara l-ħalbiet tax-xita
insajjru bebbux mgħolli,
Tursin tewm u bżar aħmar
bil-megħries tgħaffeġ l-alljoli.

Jekk il-Ħadd irridu nsajjru
imqarrun għal nofs inhar,
Id-dixx ngħattu bis-sarvetta
u neħduh għand il-furnar.

Jekk kienet tittaqqab borma,
jew xi satal bis-sadid,
Għand il-landier tibgħatu
biex jagħmlilha qiegħ mill-ġdid.

F'kantuniera kont issibu
qiegħed jikwi s-saldatur,
U bl-istann isodd it-toqba
ta' xi bott jew friskatur.

Meta ommi toħroġ tixtri,
jonkella il-knisja tmur,
F'rasha titfagħlek l-għonnella
jew torbotlok xi maktur.

Konna nmorru lejn l-iskola
Ngħaddu nixtru il-qubbajt
Jew penit abjad u roża
jekk xi sold tkun iddubbajt.

Tal-ħalib jgħaddi bil-mogħża
bil-ħmar jgħaddi tal-ġelat,
Tar-rizzi jgħaddi bil-qoffa,
b'żewġ soldi jimlilek platt.

Tal-pastizzi tisma jgħajjat
"Tal-ġobon sħan u tajbin"
Bit-tamal, hawn ta' l-imqaret,
kollox tajjeb u ġenwin.

Miskin Toni kemm hu mħabbat,
in-nies kollha jiffullaw;
Fuq kenur f'borma żejt jaqli,
l-isfineġ tal-bakkaljaw.

Imgħollija u nfurnata
ful u ċiċri u karawett,
"Qastan sħuna kemm hi tajba"
jgħajjat Pietru ta' Kunċett

Tal-bigilla jroxx il-felfel
Bil-bżar aħmar jaħraq nar,
Jibda jgħajjat "Tajba u sħuna"
mit-triqat jgħaddi bil-ħmar

Għalkemm xitwa qalila,
sajjetti, beraq u ragħad,
Xita nieżla, riħ ivenven,
kienet ġabra ġewwa d-dar.

Fis-sajf konna nmorru l-baħar,
San Ġiljan jew il-Qaliet,
bil-kappell tar-rizzi f'rasna,
Biex ix-xemx ma taħraqniex.

Min jaf jgħum jinżel iċafċaf,
malja twila sa rkubtejh,
Min ma jafx jilbes is-sufri,
madwar żaqqu jew idejh.

Il-knisja tmur biex tiżżewweġ,
kont trid tmur bil-karrozzin,
Ġellewż u lewż bil-qabda
grogg maskta u biskuttin.

Ġurnata ġo dik l-arja,
il-baħar ixxommu jfuħ,
Fuq rasek ix-xemx tiżreġ,
ta' bilfors jaqbdek il-ġuħ.

Ommi ġġib il-qoffa ħdejha
b'daka kollu li lestiet,
Ħobż biż-żejt, żebbuġ, inċova,
ħjar, tadam, u żewġ basliet.

Missieri bil-qasba jinżel
attent sewwa għas-sufrun;
Hija l-kbir jogħdos għar-rizzi
aħna naqbdu il-bekkum.

L-inbid aħmar ma kienx jonqos,
Xi dulliegħa ħamra nar,
Meta kulħadd kiel u xeba'
Nerġgħu lura lejn id-dar.

Kemm kienet sabiħa l-ħajja,
għalkemm fqar konna ferħana;
Ma kienx hawn firda bejnietna,
Ġenna kienet Malta tagħna...

----------oooooOOOOOooooo----------
OOO
O

Diċembru 1991

17-12-1991 Il-president tal-Għaqda ġie mistieden biex jiġġudika presepji f'wirja fl-iskola tas-sorijiet Franġiskani ta' l-Imsida.

22-12-1991 Huwa wkoll gie mistieden jgħid erba' kelmiet dwar il-Milied fiż-żminijiet fil-knisja tal-knisja l-qadima ta' Birkirkara lill-komunita' ta' l-anzjani.

---

Il-Kumitat tal-Għaqda tal-Folklor għas-sena 1991

| | | | |
|---|---|---|---|
| President: | Guido Lanfranco | Viċi President: | Ġużi Buontempo |
| Segretarju: | Alfred Fenech | Assistent Segr.: | Angelo Dougall |
| Teżorier: | Jos. Porsella Flores | Assistent Też.: | Paul Portelli |
| Membri: | Maria Pisani, Alfred Galea, Joseph Fenech | | |

Indirizz tas-Segretarju: "Grezz" Triq id-Dirsa, H'Attard

---

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# MALTESE SPINNING TOYS

by
Guido Lanfranco

Children of the eighties and nineties born in an electronic world have become adept in the use of toys of a totally differnt nature from those we used to have before the last World War. But the basic need of having a toy has always been the same, and will continue to exist so long as chilren remain human beings. Children's need to play is part of thier natural development, and gains them experiences in the manipulation of different shapes and materials with different properties, besides perfecting skills. It is well known that toys fall into several categories, but they could be grouped into main classes, as toys which are creative, competitive and passive. The latter class require the child's imagination during play.

In this short essay I wish to discuss the Maltese spinning toys, which are basically the various types of tops. Tops are toys involving activity, therefore cannot be classified with the passive or creative, but they belong to the competitive toys which, although quite suitable for individual enjoyment, lend themselves more satisfactory if involved in competitive skills. Tops have therefore also become the playthings of grown-ups of all ages, both for competitive purposes or merely for self satisfaction.

## The Common versatile Top

The Maltese use the term *żugraga* for the top, and the simplest known is the usual bulb-shaped wooden top which is spun by strongly pulling away the string which would have been wound around its grooved sides, and spins on its pointed side, which, in Maltese is called *pern*. This point was made of a metal screw or nail adjusted and smoothened to fit the top's end. The cord or string used for winding on the top is locally known as *vlontin*. This should be quite long, and preferably of cotton twine which grips better. This simple spinning top could be of various sizes, from about three to four inches or more (c 7-11cm).

One must here stress that pre-war toys had to be made locally. It is true that quite a large number of foreign toys were imported, many of them elaborate and mechanical, but not everyone could afford to buy them as poverty was widespread, and normal budgets quite strained. Although some wooden tops were imported, most of the others were made locally on the carpenter's lathe, and one top, therefore, was not necessarily identical to another.

## The Skills

On a competitive basis, playing with tops required certain skills, and there were several games or tricks one could practice. The first is to learn to wind the string and to pull it correctly. But the second was to pick up the top on the palm of the hand while it was spinning, and it went on spinning for some time, the latter gaining points in competitions. The third, and more difficult and daring skill, is to spin the top in the air at


334·35
89·92


334·35
89·92

eye level, pulling the string in such a way that the top is first thrown away, but drawn back towards you before the string runs out, and the top caught in the air, on the palm of the hand. This skill, and for that matter also all other games with spinning tops, must always be exercised out in an open space, as otherwise accidents on furniture and spectators may happen!

You don't see anyone playing with tops nowadays, probably they are no longer in fashion. Before the war the yo-yo was quite fashionable, and you could see young men fooling around with them to impress the ladies, but they were also used during carnival to add to the fun; it was also a spinning toy, with its own skills to learn, but did not have the challenges of the top. I met a man of 71, this year, Joseph Apap, of Marsaskala, and he brought out his old spinning top and showed me that he still retained much of his pre-war skills by not only picking up on his hand the spinning top from the ground, but also from the air.! He also showed me another game he used to play. It is called *Tad-Dawra*, which means "of the circle", but really played for coins. One of the two or three contestants drew a circle on the dusty road by using the string as a radius, pressed at a centre by someone else, and drawing a circle by means of a coin pinched at the end of the string; the circle was about a meter diameter. A smaller circle of about seven or eight inches diameter was drawn in the centre, and in this were placed coins by the contestants. The thing was that you had to throw the top on to the centre circle. When released the spinning top starts kicking away pennies (or halfpennies) out of the circle, and these are won by the spinner. The way the top is released into the inner circle from above, is called *bil-magħmul*, which means that the movement for the throw is similar to the directional gesture made by witches or wizards, when they relay a spell on some object.

The Humming Top

Humming tops in various sizes have been imported for quite some time, and have given pleasure to thousands of children; they were made of tin and had a screw mechanism to build up the rotation, which caused the humming. However, as I stated before, our forefathers made their own tops, and they also contrived to produce a humming top made of wood. This was not necessarily of the same calibre as the large, metal ones, and the hum was not so clear, but it was quite entertaining. This wooden humming top was called *żugraga ta' bil-lejl*, which means "top of the night". The reason why it was given this name is that in order to hear it hum, all should be as quiet as night;(the nights of today are not the quiet ones we knew in the past!).

This humming top was not used for competitive purposes, but the skills were of a different nature from those required in the simple top. It had to be made from hard wood, and in such a shape, size and thickness of walls as to produce a hum. One had also to learn how to spin it as strongly as possible.

This humming top is quite large, the "bulb" being from three to four inches diameter, or more, and about four inches high, with a three inch rod rising on top. The latter rod is used for


335-37


335-22
22.9.92

winding the string or cord, and to introduce into a retaining hand piece. This separate hand-piece is nine or ten inches long with a hole in the middle to loosely accomodate the vertical rod of the top together the with wound string. To spin it, one had to pull the string through a small hole on the side of the retaining hand rod, which is preferably held with both hands by another person to produce a stronger spin.

To produce the humming sound, the inside of the top is hollow, and it has a hole on one side connecting the inside with the outside, but the side hole must be at an angle of some 45 degrees in such a way, that the sharp side of the slanting hole catches the air at an acute angle during the spin. In all respects, this spinning top, or night top, is quite a masterpiece, and imposing to look at. It is also a decorative piece of work, and used to be painted or varnished to individual tastes.

Pizzikajju

The *pizzikajju* used to be a smaller top, often about two and a half inches,(c 5cm) even less, and instead of having a cone-shaped profile it looked mostly cylindrical with a small cone at the pointed base. It was spun by being whipped as it stood on the ground, but the whip could catch it wrongly and send it flying, therefore could prove dangerous. It wasn' as popular as the common sġpinning top.

Ċippitatu

This spinning toy doesn' need the same skills as the previous ones, and in fact it is not generally classified with the tops; it is in a category of its own. In many board games we throw dice, but in others there is some type of *ċippitatu* or top-like unit, which could be made from a piece of octagonal flat wood or cardboard with a sort of toothpick or thin dowel through its centre. In the past these little tops could also be met with imported, made of brass or of wood, and on each of the six or eight sides or compartments were printed or engraved numbers, or sometimes words like take two, take one, lose one, etc.., depending on the game being played. Being small and light, the *ċippitatu* is easily turned or spun between the first three fingers of one hand on a table top, and when it comes to rest the number or the words will guide the player. But this spinning piece, in our islands, has also been used in the past on some church fair or festa, or anywhere where people come together on a particular occasion. Before the last war, during some such avctivity, we used to see some old man sitting on a stool against the wall, with a flat tray on another stand in front of him, inviting people to spin a *ċippitatu* numbered one to six or one to eight or more. First they had to pay a penny for the try, and predict the number on which they think the *ċippitatu* would rest; if it stopped on the number predicted, they were entitled to win three or six pence. That was gambling, and therefore not freely popular. However, on most occasions, this little top was used for winning objects. An example can be taken of Kikku, a Cospicua man who lost one foot subsequent to an accident when he

was trampled over during the run with the statue of Christ Risen. (see p.123,"L-Imħatra" by Ġuże' Chetcuti,1991). He laid out a tray with *figolli*, the Easter confections with an Easter egg on them, and another tray on which to spin the *ċippitatu*. One could win a *figolla* if the right number turned up, of course after paying a penny for the right to try. The only occasions when our ancestors could come together to enjoy themselves were the feast days of town and village, of which, formerly there were plenty more, and wherever people got together it was also the occasion for hawkers to sell their wares, including the man with the *ċippitatu*.

My mother used to recite to me a few verses which she had heard before, which involve the *ċippitatu*, and went like this:

"I am, thou art" figolla,<br>
"He is" kilhieli kollha;<br>
"I am" dawwart għas-sej,<br>
Ġieni l-ottu, ma ħadd xejn!

The verses have a complex mixture of Maltese and English words, but in short mean that one staked on the six (sej from the Italian sei) but out came the eight (ottu from Italian otto) and won nothing. The "I am, Thou art, He is" bit is taken from the conjugation of the verb "to be" which used to be nauseatingly chanted and repeated by youngsters at school in order to be learnt and memorised, even though they hardly understood what they were saying. The whole thing became a funny mixture for a rhyme! However, the original rhyme appears to have been more sensible:

"Dawwartlu għal-figolla,<br>
Għax ridt nikolha kollha;<br>
Imma dawwart is-sej,<br>
Ġieni l-ottu ma ħadd xejn!"

Which, in clearer terms meant the same thing.

-----------oooooOOOOOooooo-----------

## Photographs show

First Plate: Top: Humming top (żugraga ta' bil-lejl) held in the retaining rod before spinning.

Bottom: Another model of wooden humming top with a 5-inch diameter.

Second Plate: Top: The common spinning top (actual size).

Bottom: Ġużi Apap lifting a spinning top on his hand after throwing it into spin.

(Photographs by the author)

-----------oooooOOOOOooooo-----------

OOO

O